

Paġna Ewlenija > Taħriġ, Networks Ġudizzjarji U Aġenziji > Netherlands

Taħriġ inizjali ta' mħallfin u prosekuturi fl-Unjoni Ewropea

Il-kontenut ipprovdut minn Olanda

Olanda

Imħallfin

Deskrizzjoni ġenerali

It-taħriġ inizjali għall-imħallfin huwa obligatorju għal kwalunkwe persuna li qed timmira li ssir imħallef. Ladarba l-imħallfin apprendisti jingħataw l-approvazzjoni mill-kumitat tal-għażla, il-parteċipanti fil-programm ġudizzjarju inizjali jiddaħħlu fil-qorti fejn se jaħdmu. Hawnhekk, it-tul tal-programm jiġi ddeterminat f'konsultazzjoni mal-SSR

F'konsultazzjoni mal-SSR, it-tul tal-programm jiġi ddeterminat (mill-anqas sena u 3 xhur, l-aktar 4 snin, skont l-għarfien u l-esperjenza) u jintgħażlu l-ambjenti ta' xogħol u taħriġ li fihom l-imħallef apprendist se jaħdem l-ewwel. Meta mħallef apprendist ikun lesta t-taħriġ, dan jinħatar bħala mħallef "sħiħ", li tfisser li jista' jaħdem fi kwalunkwe dipartiment tal-qorti (tad-dritt ċivili, amministrattiv, kriminali, tal-familja, eċċ).

It-taħriġ tal-imħallfin apprendisti huwa pprovdut mill-qrati, f'kollaborazzjoni mal-SSR. Il-biċċa l-kbira tat-taħriġ isir fl-ambjent ta' xogħol u taħriġ, fejn l-imħallfin apprendisti jiġu mħarrġa minn ħarrieġa prattiċi, li jiggwidawhom u jagħtuhom il-feedback. Barra minn hekk, f'jum wieħed fil-ġimgħa, taħt is-superviżjoni ta' ħarrieġ ewlieni fl-SSR, tingħata attenzjoni għall-proċess ta' apprendiment u għall-korsijiet li jieħdu l-imħallfin apprendisti. L-[istatut](#) jista' jinstab fuq is-sit web tal-Kunsill tal-Ġudikatura.

Grupp ġdid ta' mħallfin apprendisti jibda kull 3 xhur. Massimu ta' 130 imħallef apprendist fis-sena jidhru għall-programm. Fl-2021, 83 imħallef apprendist lestew b'suċċess it-taħriġ tagħhom. Fi tmien l-2021, 248 imħallef apprendist kienu qed jitħarrġu.

Aċċess għat-taħriġ inizjali

Il-kandidati għall-programm ta' taħriġ jeħtiġilhom ikunu gradwati b'Master fil-liġi u jkunu lestew pakkett speċifiku ta' korsijiet bi tnejn għal professjoni fil-litigazzjoni jew fil-ġudikatura. Ukoll, għandu jkollhom mill-anqas sentejn ta' esperjenza legali rilevanti barra mill-ġudikatura. L-għażla tal-kandidati ssir mill-kummissjoni tal-għażla nazzjonali għall-imħallfin (LSR) f'kooperazzjoni mal-qrati. Il-proċedura tal-għażla tikkonsisti minn sitt passi.

L-ewwel, hemm għażla ta' ittra. Għal kull pozzizzjoni vakanti, ħames ittri jintgħażlu mill-amministratur jew mill-president tal-qorti u segretarju membru tal-LSR. Dan il-proċess huwa ggwidat minn formola ta' punteġġ. Sussegwentement, id-ditta tal-valutazzjoni LTP tagħmel test analitiku. Il-komponenti ta' dan it-test huma l-ħiliet tar-raġunament verbali, il-ħiliet tal-ħsieb kritiku u l-ħiliet tal-ħsieb astratt. Dawn it-testijiet, li ġew ivvalutati mill-Kumitat Netherlandiż tat-Testijiet u l-Ittestjar (COTAN) jew istituzzjoni simili, jiddeterminaw jekk kandidat jagħtix prestazzjoni ogħla mill-medja f'termini ta' ħiliet analitiċi u li huwa ħieles b'mod evidenti minn preġudizzji kulturali. Il-komponenti tat-testijiet analitiċi huma l-ħiliet tar-raġunament verbali, il-ħiliet tal-ħsieb kritiku u l-ħiliet tal-ħsieb astratt.

Wara li l-kandidati jkunu għaddew mit-testijiet analitiċi, il-qrati jinnominawhom għal intervista. Il-qrati mbagħad tintbagħtilhom il-formola tal-applikazzjoni u żewġ referenzi għal kull wieħed mill-kandidati. Il-kandidati jiġu mistiedna mill-qorti għal intervista waqt laqgħat ipplanati minn qabel tal-kumitat tal-għażla lokali u l-bord tal-

ġestjoni. Wara l-intervista, mhux aktar minn tliet kandidati għal kull pożizzjoni vakanti jistgħu jibqgħu għaddejnin bil-proċedura u jkomplu bil-valutazzjoni. Fiċ-ċentru tal-valutazzjoni, gradwat mill-università fil-psikoloġija jagħmel intervista strutturata mal-kandidat u l-kandidat jiġi ttestjat bi kwestjonarji tal-personalità (inkluż test ta' dilemma), simulazzjoni ta' diskussjoni u simulazzjoni ta' rwol. It-test jivvaluta jekk il-kandidat għandux il-kompetenzi meħtieġa biex ikun imħallef, jew għandux il-potenzjal li jiżviluppahom matul il-kors tat-taħriġ.

Sussegwentement, il-kandidati jmorru għall-intervisti finali. Dawn l-intervisti jsiru mill-kumitat tal-għażla nazzjonali. Il-kandidati jkollhom tliet intervisti finali ma' intervistaturi differenti fuq tliet suġġetti. Wara, ir-riżultati ta' dawn l-intervisti jiġu kkunsidrati mill-intervistaturi kollha. Il-kumitat għandu struzzjonijiet f'termini ta' tekniki tal-intervistar u l-interpretazzjoni tar-rapport ta' valutazzjoni. Wara li l-intervisti finali jkun twettqu, il-kandidati li ngħataw l-approvazzjoni jiġu ppreżentati lill-qrati. Il-qrati jiddeċiedu liema kandidat (jew kandidati) jixtiequ jaħru u jgħaddu din l-informazzjoni lill-LSR. In-nomini għall-"kandidati li ngħataw l-approvazzjoni" li jifdal jitressqu quddiem qrati oħrajn (jekk ikun possibbli).

Format u kontenut tat-taħriġ inizjali

Fil-fażi preliminari, l-imħallef apprendist jieħu sehem f'tim ta' xogħol u taħriġ fil-ġurisdizzjoni inkwistjoni, li fiha l-imħallef apprendist jiżviluppa d-direzzjoni u l-kompetenzi tiegħu, filwaqt li jitraxxendi l-konfini tal-ambjenti tax-xogħol u tat-taħriġ. Fi tmim il-fażi preliminari, l-imħallef apprendist jagħmel awtovalutazzjoni u pjan ta' apprendiment personali.

Sussegwentement, tibda l-fażi ewlenija tal-programm (minimu ta' sena, massimu ta' 3 snin u 9 xhur). Il-fażi ewlenija titlesta fi ħdan żewġ jew tliet ambjenti ta' xogħol u ta' taħriġ fi ħdan il-qorti, skont it-tul tal-programm u l-pjan ta' apprendiment personali. F'dan ir-rigward, huwa possibbli li wieħed jaqleb bejn qrati u korpi tal-appell. Is-superviżjoni tingħata minn ħarrieġa prattiċi. Barra minn hekk, f'jum wieħed fil-ġimgħa, taħt is-superviżjoni ta' ħarrieġ ewlieni, tingħata attenzjoni għall-proċess ta' apprendiment, il-portafoll u l-pjan ta' apprendiment, kif ukoll għall-proġetti ta' riċerka u l-kompetenzi li jitraxxendu l-ambjenti ta' xogħol u ta' taħriġ. Is-superviżjoni pprovduta mill-ħarrieġa prattiċi u ewlenin tiffoka purament fuq l-apprendiment, mhux il-valutazzjoni. L-imħallef apprendist irid ilesti wkoll l-internships li ġejjin: soċjetà, Ewropej/internazzjonali, qrati/korpi tal-appell u internship qasira/estiża fis-Servizz tal-Prosekuzzjoni Pubblika jekk jintgħażel ambjent ta' xogħol u ta' taħriġ orjentat lejn il-kriminal. Kull 3 xhur, il-ħarrieġ ewlieni, il-ħarrieġ prattiku u l-imħallef apprendist jivvalutaw u jaġġornaw il-pjan ta' apprendiment personali. Mat-tlestija ta' kull ambjent ta' xogħol u ta' taħriġ, titwettaq evalwazzjoni ta' trasferiment mal-imħallef apprendist, il-ħarrieġ ewlieni u l-ħarrieġ prattiku.

Internship internazzjonali huwa obligatorju għall-imħallfin apprendisti. Dan l-internship ivarja fit-tul minn parteċipazzjoni fil-programm tal-EJTN ta' AIKOS għal internship ta' sena fi Strasburgu mal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Barra minn hekk, il-kors "L-Imħallef Ewropew" huwa parti mill-programm għall-imħallfin apprendisti. Matul l-ambjenti ta' xogħol u ta' taħriġ, l-imħallfin apprendisti jattendu korsijiet relatati mad-dritt Ewropew, pereżempju d-dritt ċivili jew amministrattiv Ewropew.

Terminazzjoni tat-taħriġ inizjali u l-proċess ta' kwalifika

Il-valutazzjoni fil-programm tal-imħallfin/ġustizzja inizjali ġdid ġiet imfassla abbażi li l-imħallfin apprendisti jieħdu r-responsabbiltà għall-programm tagħhom stess u li jkun hemm atmosfera ta' apprendiment stimulant, u anke l-apoġġ ta' input ta' taħriġ mill-qrati stess u superviżjoni pprovduta mill-ħarrieġ ewlieni. Il-kandidati jiġu vvalutati minn bord ta' eżaminaturi abbażi ta' intervista u portafoll li l-apprendisti huma responsabbli li jikkumpilaw huma stess. Il-portafoll irid jinkludi għadd ta' elementi ta' evidenza obligatorji u parti oħra minnu tista' timtela kif jagħmel il-kandidat. Atmosfera ta' apprendiment stimulant tirrikjedi li programm isir f'ambjent sigur u li l-valutazzjoni tippermetti lill-imħallfin apprendisti jiżviluppaw kemm jista' jkun u jibnu fuq it-talenti tagħhom. Aħna nżommu ma' din il-bażi kemm jista' jkun billi nżommu t-tagħlim u l-valutazzjoni kmm jista' jkun separati billi nagħmlu l-valutazzjoni trasparenti u oġġettiva. Dan jippermetti lill-ħarrieġ jiffoka kompletament fuq ir-rwol tat-taħriġ u tal-iżvilupp tal-imħallef apprendist.

Il-ħarrieġ prattiku u l-ħarrieġ ewlieni ma jipprovdwx input għall-valutazzjoni: huma meħtieġa jimlew għadd ta' formoli ta' feedback u formoli ta' evalwazzjoni kull 3 xhur għall-portafoll u joħorġu approvazzjoni tal-kontenut tal-portafoll. Sabiex is-sistema tal-valutazzjoni tkun trasparenti u oġġettiva, għandha kriterji ta' valutazzjoni ċari, proċedura ċara u kemm jista' jkun affidabbiltà konsistenti fost l-assessuri. Dan jeħtieġ it-taħriġ tal-assessuri u gwida minn espert speċjalist mill-SSR. Dan huwa ta' benefiċċju wkoll għall-kwalità tal-valutazzjoni. Barra minn hekk, l-istruttura tal-programm tiżgura wkoll li l-kandidati ma jiġux ivvalutati aktar milli hemm bżonn għal

valutazzjoni minn perspettiva legali. Is-sistema deskritta hawnhekk – li tħallat ħinijiet ta' valutazzjoni fissi u valutazzjoni supplimentari fuq talba – tissodisfa dak l-objettiv. Is-sistema ta' valutazzjoni għalhekk għandha flessibilità ffokata fuq l-apprendisti kull fejn hu possibbli u tappoġġa wkoll innovazzjonijiet didattiċi fl-iżvilupp tal-kompetenza.

L-ewwel valutazzjoni interim isseħħ fi tmiem l-ewwel 12-il xahar tal-programm - jiġifieri wara 9 xhur ta' esperjenza ta' taħriġ f'ambjent ta' xogħol u ta' taħriġ (wara l-fażi preliminari ta' 3 xhur). Din il-valutazzjoni tiffoka fuq jekk l-imħallef apprendist fundamentalment għandux il-kompetenzi meħtieġa biex ikun imħallef, u jekk l-apprendist jurix żvilupp suffiċjenti. Jekk il-programm tal-individwu jdum 3 snin jew aktar, issegwi t-tieni valutazzjoni interim bejn wieħed u ieħor f'nofs id-durata li jkun fadal tal-programm. Jekk meħtieġ, il-bord tal-eżaminaturi jista' jiddeċiedi li jirrakkomanda valutazzjoni addizzjonali sussegwenti, mhux indikata fil-pjan ta' apprendiment personali ppreżentat lill-bord tal-qorti. Fil-każijiet kollha, il-programm jikkonkludi b'valutazzjoni finali biex jiġi eżaminat jekk l-imħallef apprendist huwiex kapaċi jiffunzjona b'mod indipendenti bħala mħallef ġdid. Din tivvaluta jekk l-imħallef apprendist jissodisfax il-livelli ta' kisba finali kollha. Is-sistema ta' hawn fuq tiżgura li l-kandidati ma jiġux ivvalutati aktar milli jeħtieġu, li tappoġġa l-użu ta' valutazzjoni bħala strument legali. Din tgħin sabiex tinżamm separazzjoni bejn it-taħriġ u l-valutazzjoni. Iġġib ukoll benefiċċji għal atmosfera ta' apprendiment stimulant, għall-grad mixtieq ta' flessibilità u l-attrazzjoni tal-programm.

Dan il-programm ma jinkludi l-ebda test tal-għarfien purament legali. Dan għaliex dawn it-testijiet ma jkunux jaqblu mal-preżunzjoni bażika li l-imħallfin apprendisti stess huma responsabbli għall-kors tagħhom, u li jkollhom għarfien legali adegwat huwa ovvjament parti ewlenija minnu. Il-programm huwa strutturat fuq il-preżunzjoni li l-apprendisti f'dak il-programm għandhom l-għarfien legali meħtieġ – jew se jiksibuh fil-bidu ta' kull ambjent ta' xogħol u ta' taħriġ. Il-livelli ta' kisba finali vvalutati wkoll jinkludu l-għarfien legali, li għandu jintwera fi ħdan ix-xogħol prattiku mwettaq. Għalhekk għandu jkun enfasizzat li l-imħallfin apprendisti jeħtieġhom jiżguraw li l-livell tagħhom ta' għarfien legali ma huwiex fattur li se jxekkel il-progress tagħhom fil-programm b'mod ġenerali.

Prosekuturi

Deskrizzjoni ġenerali

It-taħriġ inizjali għall-prosekuturi huwa obbligatorju għal kwalunkwe persuna li qed timmira li ssir prosekutur pubbliku. Ladarba l-prosekuturi apprendisti jingħataw l-approvazzjoni mill-kumitat tal-għażla, il-parteċipanti fil-programm ġudizzjarju inizjali jiddaħħlu fil-qorti fejn se jaħdmu.

F'konsultazzjoni mal-SSR, it-tul tal-programm jiġi ddeterminat (mill-anqas sena u 6 xhur, l-aktar 4 snin, skont l-għarfien u l-esperjenza) u jintgħażlu l-ambjenti ta' xogħol u taħriġ li fihom il-prosekuturi apprendisti se jaħdmu l-ewwel. Meta prosekutur apprendist ilesti t-taħriġ, dan jinħatar bħala prosekutur pubbliku.

It-taħriġ ta' prosekuturi apprendisti huwa pprovdut mid-distretti, f'kollaborazzjoni mal-SSR. Il-biċċa l-kbira tat-taħriġ isir fl-ambjent ta' xogħol u taħriġ, fejn il-prosekuturi apprendisti jiġu mħarrġa minn ħarrieġa prattiki, li jiggwidawhom u jagħtuhom il-feedback. Barra minn hekk, f'jum wieħed fil-ġimgħa, taħt is-superviżjoni ta' ħarrieġ ewlieni fl-SSR, tingħata attenzjoni għall-proċess ta' apprendiment u għall-korsijiet li jieħdu l-prosekuturi apprendisti.

Grupp ġdid ta' prosekuturi apprendisti jibda darbtejn fis-sena, żewġ gruppi f'Ottubru u żewġ gruppi f'April. Massimu ta' 48-54 prosekutur apprendist fis-sena jidhru fil-programm. Fl-2021, 34 prosekutur apprendist lestew b'suċċess it-taħriġ tagħhom. Fi tmiem l-2021 117 imħallef apprendist kienu qed jitħarrġu.

Aċċess għat-taħriġ inizjali

Kandidati għall-programm ta' taħriġ ovvjament jeħtieġhom ikunu gradwati b'Master fil-liġi u jkunu lestew pakkett speċifiku ta' korsijiet bi tħejjija għal professjoni fil-litigazzjoni jew fil-ġudikatura. Ukoll, għandu jkollhom mill-anqas sentejn ta' esperjenza legali rilevanti barra mill-ġudikatura. L-għażla tal-kandidati hija eżegwita l-ewwel fuq bażi lokali (id-distretti), imbagħad kumitat nazzjonali jagħżel ftit persuni u l-kandidati jkollhom jagħmlu valutazzjoni u fl-aħħar id-distrett lokali jagħżel l-aħjar.

Għalhekk l-ewwel hemm għażla ta' ittra. Sussegwentement, id-ditta tal-valutazzjoni LTP tagħmel test analitiku. Il-komponenti ta' dan it-test huma l-ħiliet tar-raġunament verbali, il-ħiliet tal-ħsieb kritiku u l-ħiliet tal-ħsieb astratt. Dawn it-testijiet, li ġew ivvalutati mill-Kumitat Netherlandiż tat-Testijiet u l-Ittestjar (COTAN) jew

istituzzjoni simili, jiddeterminaw jekk kandidat jagħtix prestazzjoni ogħla mill-medja f'termini tal-ħiliet analitiċi u li huwa ħieles b'mod evidenti minn preġudizzji kulturali. Il-komponenti tat-testijiet analitiċi huma l-ħiliet tar-raġunament verbali, il-ħiliet tal-ħsieb kritiku u l-ħiliet tal-ħsieb astratt.

Wara li l-kandidati jkunu għaddew mit-testijiet analitiċi, id-distretti jinnominawhom għal intervista. Id-distretti mbagħad tintbagħtilhom il-formola tal-applikazzjoni u żewġ referenzi għal kull wieħed mill-kandidati. Fiċ-ċentru tal-valutazzjoni, gradwat mill-università fil-psikoloġija jagħmel intervista strutturata mal-kandidat u l-kandidat jiġi ttestjat bi kwestjonarji tal-personalità (inkluż test ta' dilemma), simulazzjoni ta' diskussjoni u simulazzjoni ta' rwol. It-test jivvaluta jekk il-kandidat għandux il-kompetenzi meħtieġa biex ikun prosekutur, jew għandux il-potenzjal li jiżviluppahom matul il-kors tat-taħriġ.

Sussegwentement, il-kandidati jmorru għall-intervisti finali. Dawn l-intervisti jsiru mill-kumitat tal-għażla nazzjonali. Wara, ir-riżultati ta' dawn l-intervisti jiġu kkunsidrati mill-intervistaturi kollha. Il-kumitat għandu struzzjonijiet f'termini ta' tekniki tal-intervistar u l-interpretazzjoni tar-rapport ta' valutazzjoni. Wara li l-intervisti finali jkunu saru, il-kandidati li ngħataw l-approvazzjoni jiġu ppreżentati lid-distretti. Id-distretti jiddeċiedu liema kandidat (jew kandidati) jixtiequ jaħtru. In-nomini għall-"kandidati li ngħataw l-approvazzjoni" li jifdal jitressqu quddiem id-distretti l-oħrajn (jekk ikun possibbli).

Format u kontenut tat-taħriġ inizjali

Fil-Perjodu ta' Introduzzjoni, il-prosekutur apprendist jieħu sehem f'tim ta' xogħol u ta' taħriġ fid-distrett inkwistjoni, li fih l-apprendist jiżviluppa d-direzzjoni u l-kompetenzi tiegħu, filwaqt li jittraxxendi l-konfini tal-ambjenti ta' xogħol u ta' taħriġ. Fi tmiem il-fażi preliminari, il-prosekutur apprendist jagħmel valutazzjoni tal-kompetenza biex jikseb ċertifikat tal-kisba tal-profiċjenza. Il-ħiliet bażiċi u l-għarfien bażiku jridu jkunu ntwerew f'qorti ta' simulazzjoni, qabel ma wieħed jitħalla jidher fil-qorti bħala prosekutur. Jekk ma jirnexxilhomx, hemm ċans wieħed ieħor iżda jekk wieħed ma jgħaddix minn dan ikollu jitlaq mill-programm kollu.

Sussegwentement, tibda l-fażi ewlenija tal-programm (minimu ta' 15-il xahar, massimu ta' 45 xahar). Il-fażi ewlenija titlesta fi ħdan għadd ta' ambjenti ta' xogħol u ta' taħriġ, skont it-tul tal-programm u l-pjan ta' apprendiment personali. Ikun hemm ħin fl-uffiċċju tal-prosekutur fejn jiġu ttrattati kawżi sempliċi, ħin fejn l-apprendist jaħdem bħala assistent legali, bħala deputat avukat, bħala prosekutur iżda b'kawżi serji u bħala mħallef. Internship estern huwa possibbli wkoll. Mat-tlestija ta' kull ambjent ta' xogħol u ta' taħriġ, issir evalwazzjoni ta' trasferiment mal-prosekutur apprendist, il-ħarrieġ ewlieni u l-manijer tiegħu minn dak l-ambjent.

Is-superviżjoni tingħata minn ħarrieġa prattiċi. Barra minn hekk, f'jum wieħed fil-ġimgħa, taħt is-superviżjoni ta' ħarrieġ ewlieni, tingħata attenzjoni għall-proċess ta' apprendiment, il-portafoll u l-pjan ta' apprendiment, kif ukoll għall-proġetti ta' riċerka u l-kompetenzi li jittraxxendu l-ambjenti ta' xogħol u ta' taħriġ. Is-superviżjoni pprovduta mill-ħarrieġa prattiċi u ewlenin tiffoka purament fuq l-apprendiment, mhux il-valutazzjoni.

Internship internazzjonali huwa possibbiltà għall-prosekuturi apprendisti. Dan l-internship jvarja fit-tul minn parteċipazzjoni fil-programm tal-EJTN ta' AIAKOS.

Terminazzjoni tat-taħriġ inizjali u l-proċess ta' kwalifika

Il-valutazzjoni fil-programm tal-prosekuturi inizjali ġdid ġiet imfassla abbażi li l-prosekuturi apprendisti jieħdu r-responsabbiltà għall-programm tagħhom stess u li jkun hemm atmosfera ta' apprendiment stimulant, u anke l-appoġġ ta' input ta' taħriġ mid-distretti stess u superviżjoni pprovduta mill-ħarrieġ ewlieni. Il-kandidati jiġu vvalutati minn bord ta' eżaminaturi abbażi ta' intervista u portafoll li l-apprendisti huma responsabbli li jikkompilaw huma stess. Il-portafoll irid jinkludi għadd ta' elementi ta' evidenza obligatorji u parti oħra minnu tista' timtela kif jagħżel il-kandidat. Atmosfera ta' apprendiment stimulant tirrikjedi li programm jitwettag f'ambjent sigur u li l-valutazzjoni tippermetti lill-prosekuturi apprendisti jiżviluppaw kemm jista' jkun u jibnu fuq it-talenti tagħhom. Aħna nżommu ma' din il-bażi kemm jista' jkun billi nżommu t-tagħlim u l-valutazzjoni kmm jista' jkun separati billi nagħmlu l-valutazzjoni trasparenti u oġġettiva. Dan jippermetti lill-ħarrieġ jiffoka kompletament fuq ir-rwol tat-taħriġ u tal-iżvilupp tal-prosekutur apprendist. Il-ħarrieġ prattiku u l-ħarrieġ ewlieni ma jipprovdwx input għall-valutazzjoni: huma meħtieġa jimlew għadd ta' formoli ta' feedback u formoli ta' evalwazzjoni kull ftit xhur għall-portafoll u joħorġu approvazzjoni tal-kontenut tal-portafoll. Sabiex is-sistema tal-valutazzjoni tkun trasparenti u oġġettiva, irid ikollha kriterji ta' valutazzjoni ċari, proċedura ċara u kemm jista' jkun affidabbiltà konsistenti fost l-assessuri. Dan jeħtieġ it-taħriġ tal-assessuri u gwida minn espert speċjalist

mill-SSR. Dan huwa ta' benefiċċju wkoll għall-kwalità tal-valutazzjoni. Barra minn hekk, l-istruttura tal-programm tiżgura wkoll li l-kandidati ma jiġux iwwalutati aktar milli hemm bżonn għal valutazzjoni minn perspettiva legali. Is-sistema deskritta hawnhekk – li tħallat ħinijiet ta' valutazzjoni fissi u valutazzjoni supplimentari fuq talba – tissodisfa dak l-objettiv. Is-sistema ta' valutazzjoni għalhekk għandha flessibbiltà ffokata fuq l-apprendisti kull fejn hu possibbli u tappoġġa wkoll innovazzjonijiet didattiċi fl-iżvilupp tal-kompetenza.

Wara l-valutazzjoni tal-kompetenza fi tmiem il-perjodu tal-introduzzjoni, hemm test tal-ħiliet u test tax-xhieda ewlenin. L-apprendist jiskeda dawn il-valutazzjonijiet meta jaħseb li huwa lest. Dawn il-valutazzjonijiet, l-input minn kull maniġer tat-tim u l-evalwazzjoni tal-portafoll flimkien ikunu r-riżultat tal-programm totali.

Dan il-programm ma jinkludi l-ebda test tal-għarfien purament legali. Dan għaliex dawn it-testijiet ma jkunux jaqblu mal-preżunzjoni bażika li l-prosekuturi apprendisti stess huma responsabbli għall-kors tagħhom, u li jkollhom għarfien legali adegwat huwa ovvjament parti ewlenija minnu. Il-programm huwa strutturat fuq il-preżunzjoni li l-apprendisti f'dak il-programm għandhom l-għarfien legali meħtieġ – jew se jiksuh fil-bidu ta' kull ambjent ta' xogħol u ta' taħriġ. Il-livelli ta' kisba finali vvalutati wkoll jinkludu l-għarfien legali, li għandu jintwera fi ħdan ix-xogħol prattiku mwettaq. Għalhekk għandu jkun enfasizzat li l-prosekuturi apprendisti jeħtiġilhom jiżguraw li l-livell tagħhom ta' għarfien legali ma huwiex fattur li se jxekkel il-progress tagħhom fil-programm b'mod ġenerali.

■ L-aħħar aġġornament: 12/06/2026

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.